**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 432/18 AGV**

AB

Vs

CD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fl-24 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fis-26 ta' Lulju, 1997 kif jidher minn vera kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala DOK.A u

minn din l-ghaqda twieldu zewgt itfal EB illi llum huwa maggorenni u FB li llum ghandu sbatax-il sena u jahdem fuq bazi full-time.

2. Illi t-tnejn ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 16 ta' Gunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono.

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn erba' snin separati, huma ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin.

4. Illi m'hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke ghaliex il-partijiet iddekadu reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu hlas ta' manteniment u dan kif jirrizulta minn klawsola numru (3A) tal-kuntratt ta' separazzjoni.

5. Illi in kwantu jirrigwarda hlas ta' manteniment ghat-tfal minuri, illum il-gurnata, l-ebda manteniment ghadu dovut minhabba illi wiehed mit-tfal illum huwa maggorenni filwaqt illi t-tifel l-iehor ghandu 17-il sena u jahdem fuq bazi full-time, u dana kif jipprovdi l-Artikolu 3D tal-istess kuntratt ta' separazzjoni.

6. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghogbha:-

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn dina l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili, relattiva fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fit-13 ta' Frar, l-intimata dehret quddiem il-Qorti, fejn infurmatha li ma kinitx qed toggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-affidavit tar-rikorrent fejn spjega illi hu u l-intimata kienu ilhom isseparati ghal aktar minn erba' snin u dan meta kienu sseparaw legalment f' Gunju, 2004 u m' hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Ir-rikorrent ukoll jikkonferma li ma kienx hemm arretrati ta' manteniment u l-ebda manteniment m'hu dovut. Ighid l-intimata kienet iddekadiet milli tircievi manteniment kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni. Jikkonferma li lanqas ma kien hemm manteniment dovut ghall-uliedhom ghax E li kellu 19-il sena jahdem fuq bazi full-time u ghalhekk l-ebda manteniment m'ghadu dovut ghalih filwaqt li t-tifel l-iehor ghalkemm ghandu 17-il sena, jahdem fuq bazi full-time u ghalhekk l-ebda manteniment m'ghadu dovut ghalih.

Ix-xhud ikkonferma ukoll illi ma kienx ircieva manteniment minghand il-mara.
Ir-rikorrent jikkonferma ukoll illi ma kinitx tezisti c-cans li jirrikonciljaw.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1. Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 16 ta’ Gunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono.

Illi r-rikorrent pprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment aktar u aktar meta kienu ddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin. Jikkonferma li ma kinitx tezisti c-cans ta’ rikonciljazzjoni.

Rat li l-intimata ma gabitx provi sabiex tikkontradixxi dak li ntqal mir-rikorrent.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**